

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1977

Dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-muntaġġi nterni ta' vetturi bil-mutur (identifikazzjoni tal-kontrolli, tell-tales u indikaturi)

(78/316/KEE)

(ĠU L 081 , 28.3.1978, p. 3)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
► M1 Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/91/KEE tad-29 ta' Ottubru 1993	L 284	25	19.11.1993



ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1977

Dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-muntaġġi nterni ta' vetturi bil-mutur (identifikazzjoni tal-kontrolli, tell-*tales* u indikaturi)

(78/316/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-ħtiġiet tekniċi li vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jirrelataw *inter alia* għall-identifikazzjoni tal-kontrolli, it-*tell-³tales* u l-indikaturi;

Billi dawn il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi hu għalhekk neċessarju li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽³⁾, kif emendata bid-Direttiva 78/315/KEE ⁽⁴⁾;

Billi hu rakkomandat li jiġu abbozzati l-ħtiġiet tekniċi sabiex ikollhom l-istess mira bħal-*ħidma* li qed titwettagħ dwar is-suġġett fil-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU u bħal ċerti ħtiġiet tekniċi adottati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO)

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jirrelataw għal vetturi bil-mutur tinvolvi r-rikonoxximent reċiproku minn Stati Membri tal-kontrolli mwettqa minn kull wieħed minnhom abbażi tal-ħtiġiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, li jkollha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25km/siegħa, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-►**M1** linji u ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija u l-makkinarju mobbli kollu. ◀

Artikolu 2

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet li jirrelataw ma' l-identifikazzjoni tal-kontrolli, it-*tell-³tales* u l-indikaturi, jekk dawn jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi I sa IV.

Artikolu 3

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' kwalunkwe vettura għal raġunijiet li jirrelataw ma' l-identifikazzjoni tal-kontrolli, it-*tell-³tales* u l-indikaturi, jekk dawn jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi I sa IV.

⁽¹⁾ ĠU N C 118, 16. 5. 1977, P. 33.

⁽²⁾ ĠU N C 114, 11. 5. 1977, P. 10.

⁽³⁾ ĠU N L 42, 23. 2. 1970, P. 1.

⁽⁴⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B*Artikolu 4*

Kwalunkwe emenda neċessarja sabiex jiġu adattati l-ħtiġiet ta' l-Annessi I sa V għall-progress tekniku għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-test tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jkun kkomunikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

▼ **B***LISTA TA' L-ANNESSI*▼ **M1**▼ **B**

- ANNEX I: Kamp ta' l-applikazzjoni, definizzjonijiet, applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, approvazzjoni tat-tip tal-KEE, speċifikazzjonijiet ► **M1** — ◀
- ANNEX II: Il-Kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikaturi li għalihom, meta armati, l-identifikazzjoni hija obbligatorja, u s-simboli li għandhom jintużaw għal dak l-iskop ► **M1** — ◀
- ANNEX III: Il-Kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikaturi li għalihom, meta armati, l-identifikazzjoni hija fakultattiva obbligatorja, u s-simboli li għandhom jintużaw jekk għandhom jiġu identifikati ► **M1** — ◀
- ANNEX IV: Il-Kostruzzjoni tal-mudell bażiku għas-simboli murija fl-Annessi II u III ► **M1** — ◀
- ANNEX V: ► **M1** Dokument ta' informazzjoni ◀

▼ **M1**

- ANNEX VI: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE

▼ **B**

ANNEX I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI, APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE, APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE, SPEĊIFIKAZZJONIJIET

1. KAMO TA' APPLIKAZZJONI

Din id-Direttiva tapplika għal vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, tat-*tell-tales* u ta' l-indikaturi.

2. DEFINIZZJONIJIET

▼ **M1**▼ **B**► **M1** 2.1. ◀ **It-tip ta' vettura**

"It-tip ta' vettura" tfisser vetturi bil-mutur li ma jvarjawx fir-rigward ta' l-arranġamenti interni li jistgħu jaffettwaw l-identifikazzjoni tas-simboli għall-kontrolli, għat-*tell-tales* u għall-indikaturi.

► **M1** 2.2. ◀ **Il-kontroll**

"Il-kontroll" ifisser dik il-parti ta' mezz li tippermetti lissewweq iġib bidla fl-istat jew fil-funzjonament ta' vettura.

▼ **M1**▼ **B**► **M1** 2.3. ◀ **Indikatur**

"Indikatur" ifisser mezz li jippreżenta informazzjoni dwar il-funzjonament jew is-sitwazzjoni ta' sistema jew parti minn sistema, per eżempju l-livell ta' fluwidu.

► **M1** 2.4. ◀ **Tell-tale**

"*Tell-tale*" ifisser sinjal ottiku li jindika t-tħaddim ta' mezz, il-funzjonament jew il-kondizzjoni korretta jew difettuża, jew in-nuqqas li jiffunzjona.

► **M1** 2.5. ◀ **Is-simbolu**

"Is-simbolu" jfisser diagramma li tidentifika kontroll, *tell-tale* jew indikatur.

▼ **M1**2.6. **Il-mezz li juri l-informazzjoni**

"Il-mezz li juri l-informazzjoni" ifisser mezz ta' wiri li jista' juri iktar minn tip wieħed ta' informazzjoni jew messaġġ.

▼ **B**

3. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

▼ **M1**3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tagħha tal-kontrolli, *tell-tales* u ta' l-indikaturi għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.

3.2. Mudell għad-dokument ta' l-informazzjoni jingħata fl-Anness V.

▼ **M1**▼ **B**

- 3.3. Vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jiġi approvat jew dik il-parti jew partijiet tal-vettura li huma kkunsidrati neċessarja għat-tweġġ tal-kontrolli u t-testijiet stipulati b'din id-Direttiva għandhom jiġu sottomessi lis-servizz tekniku responsabbli mit-tweġġ tat-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip.

▼ **M1**

4. L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE
- 4.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti huma sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE skond l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 40/156/KEE għandha tingħata.
- 4.2. Mudell għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE hu mogħti fl-Anness VI.
- 4.3. Numru ta' l-approvazzjoni skond l-Anness VII mad-Direttiva 70/156/KEE għandu jiġi assenjat lil kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

▼ **B**

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

5.1. **Speċifikazzjonijiet ġenerali**

- 5.1.1. ► **M1** Meta armati, il-kontrolli, *tell-tales* u l-indikaturi elenkati fl-Anness II għandhom jiġu identifikati b'simboli. ◀ Is-simboli għandhom ikunu f'konformità ma' daww indikati fl-Anness imsemmi.

▼ **M1**

- 5.1.2. Jekk simboli huma wżati għall-identifikazzjoni tal-kontrolli, *tell-tales* u l-indikaturi elenkati fl-Anness III, dawn is-simboli għandhom ikunu konformi ma' daww indikati fl-Anness imsemmi.
- 5.1.3. Simboli minbarra daww li jidhru fl-Annessi II u III jistgħu jintużaw sabiex jidentifikaw il-kontrolli, *tell-tales* u l-indikaturi, minbarra daww elenkati f'din id-Direttiva, basta li ma hemm ebda perikolu ta' konfużjoni ma' daww li jidhru fl-Annessi msemmija.

▼ **B**

- 5.1.4. "Konformità" jfisser li jkun hemm karatteristiċi dimensjonali proporzjonali.

▼ **M1**

- 5.1.5. Mezz li juri l-informazzjoni jista' jintuża sabiex juri messaġġi minn kwalunkwe fonti li jissodisfa l-ħtiġiet li ġejjin:
- 5.1.5.1. il-brejk, *tell-tales* tad-dawl ewlieni u ta' l-indikaturi ta' direzzjoni m'għandhomx jidhru fl-istess mezz li juri l-informazzjoni;
- 5.1.5.2. it-*tell-tales* u l-indikaturi f'mezz li juri l-informazzjoni għandhom jagħtu informazzjoni rilevanti kull meta titqajjem is-sitwazzjoni li ġġieghllhom joperaw;
- 5.1.5.3. jekk jingħataw żewġ messaġġi jew iktar, għandhom jew jiġu ripetuti awtomatikament f'sekwenza jew jiġu ndikati b'tali mod li huma viżibbli għal u identifikabbli mis-sewwieq;
- 5.1.5.4. il-ħtiġiet ta' l-Anness III li jirrigwardaw il-kulur ma japplikawx għal *tell-tales* u indikaturi li jidhru f'mezz li juri l-informazzjoni.

▼ **B**5.2. **Il-karatteristiċi tas-simboli**

- 5.2.1. Is-simboli stipulati f' 5.1.1 għandhom ikunu identifikabbli, mis-sedil tiegħu, minn sewwieq b'vista normali.

▼B

- 5.2.2. Is-simboli stipulati f' 5.1.1 u 5.1.2 għandhom ikunu fuq jew viċin għall-kontrolli, għat-*tell-tales* u għall-indikaturi.

▼M1

- 5.2.3. Is-simboli għandhom jidhru b'mod ċar kontra l-isfond.
- 5.2.4. Il-kuluri wżati għal *tell-tales* għandhom ikunu daww stampati fl-Annessi II u III.
- 5.2.5. Meta kontroll, indikatur jew *tell-tale* huma kkombinati, simbolu komuni jista' jintuża għal din il-kombinazzjoni.

6. EMENDI GĦAL APPROVAZZJONIJIET

- 6.1. Fil-każ ta' emendi għal approvazzjonijiet mogħtija skond din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.

7. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

- 7.1. Miżuri sabiex jassiguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.
-

▼ B*ANNESS II*


IL-KONTROLI, IT-TELL-TALES U L-INDIKATURI LI GĦALIHOM, META ARMATI L-IDENTIFIKAZZJONI HIJA OBBLIGATORJA U S-SIMBOLI LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAL DAK L-ISKOP

▼ M1

(Is-simboli huma skond ir-raba' edizzjoni ta' l-Istandard Internazzjonali ISO 2575 – 1982-11-15.)


*Figura 1***Id-dawl prinċipali**

ISO 2575 Nru 4.23

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħdar

▼ **M1***Figura 2***Headlamps b'raġġ dipped**


ISO 2575 Nru 4.2

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħdar

Żoni iinkwadrati jistgħu ikunu solidi.
Jekk il-kontroll mhuwiex separat, huwa identifikat bis-simbolu li jidher fil-Figura 1.
In-numru ta' linji jista' jkun erbgħa.

*Figura 3***Headlamps b'raġġ ewlieni**


ISO 2575 Nru 4.1

Il-kulur tad-dawl tell-tale: blu

Żoni inkwadrati jistgħu ikunu solidi.
In-numru ta' linji jista' jkun erbgħa.

*Figura 4***Fanali ta' pożizzjoni (fil-ġenb)**


ISO 2575 Nru 4.33

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħdar

Żoni iinkwadrati jistgħu ikunu solidi.
Jekk il-kontroll mhuwiex separat, huwa identifikat mis-simbolu li jidher fil-Figura 1.

▼ **M1***Figura 5***Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem**


ISO 2575 Nru 4.21

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħdar

Żoni inkwadrati jistgħu ikunu solidi.

*Figura 6***Il-fanal taċ-ċpar ta' wara**


ISO 2575 Nru 4.22

Il-kulur tad-dawl tell-tale: isfar

Żoni inkwadrati jistgħu ikunu solidi.

*Figura 7***Mezz li jinvella l-headlamps**

ISO 2575 Nru 4.27




Żoni inkwadrati jistgħu ikunu solidi.


L-identifikazzjoni tista' tkun skond id-Direttiva 76/756/KEE, l-Anness I, Appendiċi 7
In-numru ta' linji jista' jkun ħamsa.

▼ **M1***Figura 8***Il-fanali ta' l-ipparkjar**

ISO 2575 Nru 4.9

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħdar*Figura 9***L-indikaturi tad-direzzjoni**


ISO 2575 Nru 4.3

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħdar

Żoni inkwadrati jistgħu ikunu solidi.

*Figura 10***Id-dawl tal-perikolu**

ISO 2575 Nru 4.4

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħmar


Żoni inkwadrati jistgħu ikunu solidi.

Nota għall-figuri 9 u 10:


Jekk it- tell- tales għall-indikaturi tad-direzzjoni tax-xellug u tal-lemin huma separati, iż-żewġ vleġeġ jistgħu ukoll jintużaw separatament. F'dan il-każ, dawn iż-żewġ vleġeġ separati jistgħu jintużaw simultanjament jew bħala tell-tale li tinnotifika perikolu flimkien ma', jew minflok, dak preskritt fil-Figura 10.

▼ **M1***Figura 11***Il-wiper tal-windscreen**


ISO 2575 Nru 4.5

*Figura 12***Il-washer tal-windscreen**

ISO 2575 Nru 4.6

*Figura 13***Il-wiper tal-windscreen u l-washer tal-windscreen**

ISO 2575 Nru 4.7



▼ **M1**

Figura 14

**Il-mezz li jnaddaf il-headlamps
(b'kontroll separat ta' l-operazzjoni)**

ISO 2575 Nru 4.19




Figura 15

**Il-mezz li jneħħi ċ-ċpar u s-silġ mill-windscreen
(meta separati)**

ISO 2575 Nru 4.24

Il-kulur tad-dawl tell-tale: isfar





Figura 16

**Il-mezz li jneħħi ċ-ċpar u s-silġ mit-tieqa ta' wara
(meta separati)**


ISO 2575 Nru 4.25

Il-kulur tad-dawl tell-tale: isfar



▼ **M1***Figura 17***Il-fann ta' ventilazzjoni (arja sħuna/kiesħa)**


ISO 2575 Nru 4.8




Tista' wkoll tintuża biss il-linja ta' barra

*Figura 18***Il-mezz li jsaħħan id-diżil minn qabel**

ISO 2575 Nru 4.34

Il-kulur tad-dawl tell-tale: isfar*Figura 19***Iê-Choke****(il-mezz li jqabbad il-magna fuq il-kiesaħ)**

ISO 2575 Nru 4.12

Il-kulur tad-dawl tell-tale: isfar

▼ **M1**

Figura 20

Ħsara fil-brejkijiet

ISO 2575 Nru 4.31


Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħmar

Meta *tell-tale* wieħed jindika iktar minn kundizzjoni waħda ta' sistema tal-brejkijiet, ħlief ħsara fis-sistema ta' kontra l-illokkjar tal-brejk, is-simbolu għal ħsara fil-brejkijiet fil-Figura 20 għandu jintuża.

Figura 21

Il-livell tal-karburant

ISO 2575 Nru 4.14


Il-kulur tad-dawl tell-tale: isfar

Il-linja ta' barra biss tista' wkoll tiġi wżata

Figura 22

Il-kondizzjoni tal-batterija li tkun qiegħda tiġi karikata

ISO 2575 Nru 4.16

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħmar


▼ **M1**

Figura 23

It-temperatura tal-likwidu li jkessaħ il-magna

ISO 2575 Nru 4.15

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħmar



▼ **B***ANNEX III*

IL-KONTROLLI, IT-TELL-TALESU L-INDIKATURI LI GĦALIHOM, META ARMATI, L-IDENTIFIKAZZJONI HIJA FAKULTATTIVA, U S-SMBOLI LI GĦANDHOM JINTUŻAW JEKK GĦANDHOM JIĠU IDENTIFIKATI

▼ **M1**


(Is-simboli huma skond ir-raba' edizzjoni ta' l-Istandard Internazzjonali ISO 2575, 1982-11-15.)

Figura 1

Il-brejk ta' l-ipparkjar

ISO 2575 Nru 4.32

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħmar




Meta tell-tale wieħed jindika iktar minn kondizzjoni waħda ta' sistema ta' brejkijiet, is-simbolu għal ħsara fil-brejkijiet li jidher fl-Anness II, il-Figura 20, għandu jintuża.

Figura 2


Il-wiper tat-tieqa ta' wara

ISO 2575 Nru 4.28




▼ **M1***Figura 3***Il-washer tat-tieqa ta' wara**


ISO 2575 Nru 4.29

*Figura 4***Il-wiper u l-washer tat-tieqa ta' wara**

ISO 2575 Nru 4.30

*Figura 5***Il-wiper intermittenti tal-windscreen**

ISO 2575 Nru 4.45



▼ **M1**

Figura 6

Il-horn

ISO 2575 Nru 4.13





Figura 7

L-għatu ta' quddiem (il-bonnet)

ISO 2575 Nru 4.10




Tista' wkoll tintuża biss il-linja ta' barra

Figura 8

L-għatu ta' wara (il-boot)


ISO 2575 Nru 4.11



Tista' wkoll tintuża biss il-linja ta' barra

▼ **M1***Figura 9***Iċ-ċinturin tas-sigurtà**


ISO 2575 Nru 4.18

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħmar

Tista' wkoll tintuża biss il-linja ta' barra

*Figura 10***Il-pressjoni taż-żejt tal-magna**

ISO 2575 Nru 4.17

Il-kulur tad-dawl tell-tale: aħmar*Figura 11***Il-karburant mingħajr ċomb**

ISO 2575 Nru 4.26



ANNEX IV

IL-KOSTRUZZJONI TAL-MUDELL BAŻIKU GĦAS-SIMBOLI LI JIDHRU FL-ANNESSI II U III




Figura 1

Il-mudell bażiku

Il-mudell bażiku jinkludi:

1. kaxxa bażika ta' naħa 50mm; din id-dimensjoni hija ugwali għad-dimensjoni nominali, "a" tal-mudell bażiku;
2. ċirku bażiku ta' djametru ta' 56mm, li jkollu bejn wiehied u ieħor l-istess area bħall-kaxxa bażika (1);
3. ċirku ieħor ta' djametru ta' 50mm, li jkun iċ-ċirku iskritt tal-kaxxa bażika (1);
4. kaxxa oħra li l-kantunieri tagħha jmissu i-ċirku bażiku (2) u li l-ġnub tagħha huma paralleli għal dawg tal-kaxxa bażika (1);
- 5 u 6. żewġ rettangoli li jkollhom l-istess area tal-kaxxa bażika (1); huma reċiprokament perpendikolari, kull wiehied impinġi biex jaqsam in-naħat opposti tal-kaxxa bażika simmetrikament;
7. kaxxa oħra li n-naħat tagħha jgħaddu mill-punti ta' l-intersezzjoni tal-kaxxa bażika (1) u i-ċirku bażiku (2), u li qegħdin f'angolu ta' 45° u li jagħtu l-akbar dimensjonijiet orizzontali u vertikali tal-mudell bażiku;
8. ottagonu irregolari, iffurmat b'linji f'angolu ta' 30° man-naħat tal-kaxxa (7)

Il-mudell bażiku hu superimpost fuq grilja ta' naħat 12.5mm li tikkoinċidi mal-kaxxa bażika (1)

▼ M1

ANNEX V

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru... (*)

skond l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE li jirrelata għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura KEE fir-rigward ta' muntaġġi interni (l-identifikazzjoni tal-kontrolli, *tell-tales* u l-indikaturi) (Id-Direttiva 78/316/KEE) kif la-ħħar emendata bid-Direttiva 93/91/KEE

L-informazzjoni li ġeja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo *folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

- 0.1. L-gämla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. It-tip u d-deskrizzjoni(ġiet) ġenerali kummerċjali:
- 0.3. Il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ^(*):
- 0.3.1. Il-lok ta' dak l-immarkar:
- 0.4. Il-kategorija tal-vettura ^(*):
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

1. IL-KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

- 1.1. Ritratti u/jew disinni tal-vettura rappreżentattiva:

9. IL-KARROZZERIJA

9.10. Il-muntaġġi interni

- 9.10.2. L-arranġament u l-identifikazzjoni tal-kontrolli, *tell-tales* u l-indikaturi

- 9.10.2.1. Ritratti u/jew disinni ta' l-arranġament tas-simboli u tal-kontrolli, *tell-tales* u l-indikaturi:

- 9.10.2.2. Ritratti u/jew disinni ta' l-identifikazzjoni tal-kontrolli, *tell-tales* u l-indikaturi tal-partijiet tal-vettura msemmija fid-Direttiva 78/316/KEE meta rilevanti:

- 9.10.2.3. Tabella fil-qosor:

Il-vettura hi mgħammra bil-kontrolli li ġejjin, l-indikaturi u *tell-tales* skond l-Annessi II u III mad-Direttiva 78/316/KEE:

(*) In-numri tal-punti u n-noti tal-qiegħ tal-paġna wżati f'dan id-dokument ta' l-informazzjoni jikkorrispondu għal daww stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE kif la-ħħar emendata bid-Direttiva 92/53/KEE. Il-punti li mhumiex rilevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva thallaw barra.

▼ **M1**

Il-Kontrolli, tell-tales u l-indikaturi li għalihom, meta armati, l-identifikazzjoni hi obbligatorja, u s-simboli li għandhom jintużaw għal dak l-iskop

Nru tas-simbolu	Il-mezz	Il-Kontroll/l-indicator disponibbli (¹)	Identifikat bis-simbolu (¹)	Fejn (²)	tell-tale disponibbli	Identifikat bis-simbolu (¹)	Fejn (²)
1	Id-dawl prinċipali						
2	Il-headlamps b'raġġ dipped						
3	Il-headlamps b'raġġ ewlieni						
4	Il-fanali ta' pozzizzjoni (tal-ġenb)						
5	Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem						
6	Il-fanali ta' wara taċ-ċpar						
7	Il-mezz li jnvela l-headlamps						
8	Il-fanal ta' l-ipparkjar						
9	L-indikaturi tad- direzzjoni						
10	Id-dawl tal-perikolu						
11	Il-wiper tal-windscreen						
12	Il-washer tal- il-windscreen						
13	Il-wiper u l-washer tal-windscreen						
14	Il-mezz li jnaddaf il-headlamps						
15	Il-mezz li jnehi ċ-ċpar u s-silġ mill-windscreen						
16	Il-mezz li jnehi ċ-ċpar u s-silġ mit-tieqa ta' wara						
17	Il-fann tal-ventilazzjoni						
18	Il-mezz li jsaħħan id-diżil minn qabel						
19	Iċ-choke						
20	Ħsara fil-brejkijiet						
21	Il-livell tal-karburant						
22	Il-kondizzjoni ta' l-ikkarika tal-batterija						
23	It-temperatura tal-likwidu li jkessaħ il-magna						

(¹) x = iva

– = le jew mhux disponibbli separatament

o = mhux obbligatorju

(²) d = direttament fuq il-kontroll, l-indikatur jew tell-tale

ċ = fil-qrib.

▼ **M1**

Il-Kontrolli, *tell-tales* u l-indikaturi li għalihom, meta armati, l-identifikazzjoni mhijiex obbligatorja, u s-simboli li għandhom jintużaw jekk għandhom jiġu identifikati

Nru tas-simbolu	Il-mezz	Il-Kontroll/l-indicator disponibbli ⁽¹⁾	Identifikat bis-simbolu ⁽¹⁾	Fejn ⁽²⁾	<i>tell-tale</i> disponibbli	Identifikat bis-simbolu ⁽¹⁾	Fejn ⁽²⁾
1	Il-brejk ta' l-ipparkjar						
2	Il- <i>wiper</i> tat-tieqa ta' wara						
3	Il- <i>washer</i> tat-tieqa ta' wara						
4	Il- <i>wiper</i> u l- <i>washer</i> tat-tieqa ta' wara						
5	Il- <i>wiper</i> intermittenti tal- <i>windscreen</i>						
6	L-imezz ta' twissija li jinstema' (il-horn)						
7	L-għatu ta' quddiem (il- <i>bonnet</i>)						
8	L-għatu ta' wara (il- <i>boot</i>)						
9	Iċ-ċinturin tas-sigurtà						
10	Il-pressjoni taż-żejt tal-magna						
11	Il-petrol mingħajr ċomb						

⁽¹⁾ x = iva

- = le jew mhux disponibbli b'mod separat

o = mhux obbligatorju

⁽²⁾ d = direttament fuq kontroll, l-indikatur jew it-*tell-tale*

ċ = fil-qrib

▼ **M1***ANNESS VI*

MUDELL

(Il-format massimu: A4 (210 × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

It-timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna

- l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- l-irtirar ⁽¹⁾

ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾ ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ fir-rigward tad-Direttiva 78/316/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/91/KEE.

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Ir-Raġuni għall-estensjoni:

SEZZJONI I

- 0.1 L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2 It-tip u d-deskrizzjoni(jiet) ġenerali kummerċjali:
- 0.3 Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/l-komponent/l-unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽²⁾:
- 0.3.1 Il-lok ta' dak l-immarkar:
- 0.4 Il-Kategorija tal-vettura ⁽³⁾:
- 0.5 L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.7 Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE:
- 0.8 L-isem(jiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjanta(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

SEZZJONI II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara l-Appendiċi
2. Is-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet:
3. Id-data tar-rapport tat-test:
4. In-numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): ara l-Appendiċi
6. Il-post:
7. Id-Data:
8. Il-Firma:

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.

⁽²⁾ Jekk il-mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip fihom karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tal-vettura, komponent jew tipi ta' unitajiet tekniċi separate koperti minn dan id-dokument/ċertifikat tat-tip approvat ta' informazzjoni, dawn il-karattri għandhom ikunu rappreżentati fid-dokument bis-simbolu "?" (e.g. ABC??123??)

⁽³⁾ Kif definit fl-Anness II A għad-Direttiva 70/156/KEE

▼ M1**Appendiċi**

għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KEE Nru...

li jikkonċerna l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 78/316/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/91/KEE

1. Informazzjoni addizzjonali

Mhux applikabbli

5. Rimarki:

(eż. validu għal kemm vetturi li jnsaqu min-naħa tax-xellug kif ukoll vetturi li jnsaqu min-naħa tal-lemin)